



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.5.2004
KUMM(2004) 390 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2287/2003 li għandu x'jaqsam mas-sajd għall-
merluzz Baltiku**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2287/2003 jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet li japplikaw għall-ibħra Komunitarji u għall-bastimenti Komunitarji, f'ibħra fejn limitazzjonijiet fil-qabda huma meħtieġa għall-2004. Wara li reċentement intlaħqu deċiżjonijiet fil-Kummissjoni Internazzjonali għas-Sajd fil-Baħar Baltiku (IBSFC) li jnaqqsu l-perjodu ta' projbizzjoni għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Awissu 2004 għall-15 ta' Ġunju sal-15 ta' Awissu, emenda għar-Regolament hija meħtieġa.

Il-proposta preżenti għandha l-għan li tintroduċi l-emendi meħtieġa għall-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 2287/2003.

Il-Kummissjoni mitluba tadotta din il-proposta kemm jista' jkun malajr, sabiex is-sajjieda jkunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għal dan l-istaġun tas-sajd, u tgħaddiha lill-Kunsill.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2287/2003 li għandu x'jaqsam mas-sajd għall-merluzz Baltiku

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' 1-20 ta' Diċembru 2002 fuq il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komunitas-Sajd¹, b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni²,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni Internazzjonali għas-Sajd fil-Baħar Baltiku (IBSFC) adottat rakkomandazzjoni f'Mejju 2004 li tnaqqas il-perjodu ta' projbizzjoni għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Awissu 2004 għall-15 ta' Ġunju sal-15 ta' Awissu inkluż. L-implimentazzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni fl-ordni legali tal-Komunità għandha tkun żgurata.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2287/2003 tad-19 ta' Diċembru 2003 li jiffissa għall-2004 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet li japplikaw fl-ibħra Komunitarji u għall-bastimenti Komunitarji, f'ibħra fejn limitazzjonijiet fil-qabda huma meħtieġa³, għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Punt 4 ta' l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 2287/2003 huwa mibdul minn li ġej:

‘ 4. **Projbizzjoni għas-sajd fis-Sajf għall-merluzz Baltiku**

¹ ĠU L 358, tal-31.12.2002, p.59.

² ĠU C [...], [...], p.[...].

³ ĠU L 344, tal-31.12.2003 p.1.

Is-sajd għall-merluzz mhux ser ikun permess fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound mill-15 ta' Ġunju 2004 sal-15 ta' Awissu inkluż. '

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Ir-Regolament ser japplika mill-1 ta' Ġunju 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

*Għall-Kunsill
Il-President*